KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-13 ta' Diċembru 2017 [1]

Kawża C-558/16

Doris Margret Lisette Mahnkopf
fil-preżenta ta':
Sven Mahnkopf

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin (il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – Kamp ta' applikazzjoni – Possibbiltà li jiġi indikat is-sehem tal-konjuġi superstiti fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni"

I. Introduzzjoni

1. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari inkwistjoni huwa t-tieni wieħed li fil-kuntest tiegħu qorti nazzjonali titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni [2].

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qorti nazzjonali kkonċernata fil-kawża Kubicka [3], kienet tirrigwarda d-delimitazzjoni bejn ir-regoli dwar is-suċċessjoni u r-regoli fil-qasam tad-drittijiet *in rem*. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kwistjoni marbuta mad-delimitazzjoni tar-regoli dwar is-suċċessjoni u r-regoli fil-qasam tar-reġimi matrimonjali. Fil-fatt, permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi jekk, fil-kuntest taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, huwiex possibbli li jitniżżel is-sehem tal-konjuġi superstiti skont l-Artikolu 1371(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż, iktar 'il quddiem il-"BGB"). Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tixtieq tippreċiża liema huma l-effetti li għandhom jiġu kkonstatati fir-rigward ta' inklużjoni eventwali ta' informazzjoni li tirrigwarda l-imsemmi sehem fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

1 Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

2 ĠU 2012, L 201, p. 107.

3 Zob. wyrok z dnia 12 października 2017 r. (C-218/16, ECLI:EU:C:2017:755).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Il-premessi 11, 12, u 71 tar-Regolament Nru 650/2012 jippreċiżaw:

"(11) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal oqsma tal-liġi ċivili għajr is-suċċessjoni. Għal finijiet ta' ċarezza, għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jitqiesu li għandhom rabta ma' kwistjonijiet ta' suċċessjoni għandhom jiġu espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(12) Għalhekk, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal kwistjonijiet relatati ma' sistemi ta' proprjetà [reġimi] matrimonjali, li jinkludu kuntratti ta' żwieġ kif huma magħrufin f'xi sistemi legali sal-punt li tali kuntratti ma jittrattawx kwistjonijiet ta' suċċessjoni, u s-sistemi ta' proprjetà ta' relazzjonijiet meqjusin li għandhom effetti komparabbli maż-żwieġ. L-awtoritajiet li jittrattaw suċċessjoni speċifika skont dan ir-Regolament għandhom madankollu, skont is-sitwazzjoni, jieħdu kont tal-istralċ tas-sistema ta' proprjetà matrimonjali jew sistema simili ta' proprjetà tad-deċedut meta jiddeterminaw il-patrimonju tad-deċedut u l-ishma rispettivi tal-benefiċjarji.

[…]

(71) Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-istess effetti fl-Istati Membri kollha. Ma għandux ikun titolu ta' infurzar fih innifsu iżda għandu jkollu effett evidenzjarju u għandu jkun preżunt li juri b'mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi, bħal ma hija l-validità sostantiva ta' trasferiment *causa mortis*. L-effett evidenzjarju taċ-Ċertifikat ma għandux jestendi għal elementi li mhumiex irregolati minn dan ir-Regolament, bħal pereżempju kwistjonijiet tal-affiljazzjoni jew il-kwistjoni dwar jekk assi partikolari kienx tad-deċedut jew le […]".

4. Skont l-Artikolu 1(1) u (2)(d) tar-Regolament Nru 650/2012:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għas-suċċessjoni għall-patrimonji tad-deċeduti. […]

2. Dawn li ġejjin huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

[…]

(d) kwistjonijiet relatati ma' sistemi [reġimi] ta' proprjetà matrimonjali u sistemi ta' proprjetà ta' relazzjonijiet meqjusin mil-liġi applikabbli għal tali relazzjonijiet bħala li għandhom effetti paragunabbli maż-żwieġ;

[…]".

5. Konformement mal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 650/2012:

"'suċċessjoni' tfisser is-suċċessjoni għall-patrimonju tad-deċedut u tkopri l-forom kollha ta' trasferiment ta' assi, drittijiet u obbligi minħabba mewt, kemm jekk dan ikun trasferiment volontarju skont trasferiment *causa mortis*, jew trasferiment permezz ta' suċċessjoni *ab intestato*".

6. Skont l-Artikolu 23(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli":

"1. Il-liġi determinata skont l-Artikolu 21 jew l-Artikolu 22 għandha tirregola s-suċċessjoni fl-intier tagħha.

2. Dik il-liġi tirregola, b'mod partikolari:

[…]

(b) id-determinazzjoni tal-benefiċjarji, tas-sehem rispettiv tagħhom u tal-obbligi li jistgħu jiġu imposti fuqhom mid-deċedut, u d-determinazzjoni ta' drittijiet oħra ta' suċċessjoni, inklużi d-drittijiet ta' suċċessjoni ta' mart/żewġ jew tas-sieħba/sieħeb superstiti;

[…]".

7. Il-Kapitolu VI tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni", jinkludi sensiela ta' dispożizzjonijiet relatati ma' dan l-istrument tad-dritt tal-Unjoni. Fosthom, l-Artikoli 62 u 63 jispeċifikaw l-għan li għandu jintlaħaq bil-ħolqien taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni:

"Artikolu 62

Ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni

1. Dan ir-Regolament joħloq Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (minn hawn 'il quddiem 'iċ-Ċertifikat') li għandu jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor u għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69.

2. L-użu taċ-Ċertifikat ma għandux ikun mandatorju.

3. Iċ-Ċertifikat ma għandux jieħu l-post tad-dokumenti interni li jintużaw għal finijiet simili fl-Istati Membri. Madankollu, ladarba jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor, iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti elenkati fl-Artikolu 69 fl-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ħarġuh f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

Artikolu 63

Fini taċ-Ċertifikat

1. Iċ-Ċertifikat hu għall-użu minn werrieta, legatarji li għandhom drittijiet diretti fis-suċċessjoni u eżekuturi ta' testmenti jew amministraturi tal-patrimonju li, fi Stat Membru ieħor, jkunu jeħtieġu jinvokaw l-istatus tagħhom jew li jeżerċitaw rispettivament id-drittijiet tagħhom bħala werrieta jew legatarji u/jew is-setgħat tagħhom bħala eżekuturi ta' testmenti jew amministraturi tal-patrimonju.

2. Iċ-Ċertifikat jista' jintuża, b'mod partikolari, biex jiġi muri wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) l-istatus u/jew id-drittijiet ta' kull werriet, jew skont il-każ, ta' kull legatarju msemmi fiċ-Ċertifikat u s-sehem rispettiv tagħhom tal-patrimonju;

[…]".

8. L-Artikolu 68(f), (h) u (l) tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Kontenut taċ-Ċertifikat", jipprovdi:

"Iċ-Ċertifikat għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja sa fejn meħtieġ għall-fini li għalih jinħareġ:

[…]

(f) dettalji rigward id-deċedut: il-kunjom (jekk applikabbli, il-kunjom tat-twelid), l-isem/ismijiet, is-sess, id-data u l-post tat-twelid, l-istat ċivili, iċ-ċittadinanza, in-numru ta' identifikazzjoni (jekk applikabbli), l-indirizz fil-ħin tal-mewt, id-data u l-post tal-mewt;

[…]

(h) informazzjoni dwar kuntratt taż-żwieġ li jkun daħal għalih id-deċedut jew, jekk applikabbli, kuntratt li jkun daħal għalih id-deċedut fil-kuntest ta' relazzjoni meqjusa mil-liġi li tkun applikabbli għal tali relazzjoni li jkollha effetti komparabbli għal żwieġ u informazzjoni rigward is-sistema ta' proprjetà matrimonjali jew sistema ta' proprjetà ekwivalenti;

[…]

(l) is-sehem ta' kull eredi u, jekk applikabbli, il-lista ta' drittijiet u/jew assi għal kwalunkwe werriet partikolari;

[…]".

9. L-effetti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni huma ddeterminati mill-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 650/2012. Konformement mal-paragrafi 1, 2 u 5 ta' din id-dispożizzjoni:

"1. Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtiega ta' xi proċedura speċjali.

2. Għandu jkun preżunt li ċ-Ċertifikat juri b'mod preċiż elementi li jkunu ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi. […]

5. Iċ-Ċertifikat għandu jikkostitwixxi dokument validu għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà tas-suċċessjoni fir-reġistru rilevanti ta' Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-punti (k) u (l) tal-Artikolu 1(2)."

B. Id-dritt Ġermaniż

10. Fid-dritt Ġermaniż, ir-regoli relatati mal-kontijiet patrimonjali applikabbli fil-każ ta' likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali huma ddefiniti mid-dispożizzjonijiet tal-BGB. Fost dawn id-dispożizzjonijiet, l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 1931 u l-paragrafu 3 tal-istess artikolu, jipprovdu kif ġej: "(1) Fil-każ li l-wirt jinqasam ma' qraba familjari tal-ewwel grad, il-konjuġi superstiti għandu d-dritt, inkwantu werriet bil-liġi, għal kwart tal-wirt; fil-każ li l-wirt jinqasam ma' qraba familjari tat-tieni grad jew ma' axxendenti, il-konjuġi superstiti għandu d-dritt, inkwantu werriet bil-liġi, għal nofs il-wirt. […]

[…]

(3) Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 1371 tal-BGB għandha tibqa' applikabbli.

[…]".

11. Konformement mal-Artikolu 1371 tal-BGB:"1. Meta r-reġim matrimonjali jiġi tterminat minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, it-tqassim tal-assi għandha ssir permezz tal-inkrementazzjoni tas-sehem legali tal-konjuġi superstiti bi kwart tal-wirt; il-fatt li l-miżżewġin effettivament ikunu żiedu l-valur tal-assi tagħhom huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

2. Il-konjuġi superstiti li ma huwa la werriet u lanqas legatarju jista' jirrikjedi l-likwidazzjoni tal-assi konformement mal-Artikoli 1371 sa 1373 u 1390; l-ammont tal-porzjon irriżervat tal-wirt tal-konjuġi superstiti […] jista' jiġi ddeterminat skont is-sehem li kien isir dovut lilu fil-każ ta' suċċessjoni *ab intestatio*, qabel l-inkrementazzjoni tal-assi.

3. Fejn il-konjuġi superstiti jirrifjuta s-suċċessjoni, huwa jista' jirrikjedi, minbarra t-tqassim tal-assi, ukoll tal-porzjoni riżervat tal-wirt dovut lilu, anki fejn ma kienx ikollu dritt għalih skont il-provvedimenti legali dwar suċċessjoni; din ir-regola ma tirrigwardax il-każijiet fejn il-konjuġi jkun irrinunzja għas-suċċessjoni *ab intestatio* jew għad-dritt għall-porzjon irriżervat tal-wirt bis-saħħa ta' ftehim konkluż mal-konjuġi tiegħu.

(4) Il-konjuġi superstiti, li jkun kiseb sehem li jammonta għal kwart tal-wirt bis-saħħa tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni, fil-limiti tal-arrikiment hekk irċevut, għandu jissodisfa l-ħtiġijiet tad-dixxendenti tal-persuna deċeduta, li jkollhom titolu ta' suċċessjoni fil-konfront tagħha iżda li ma jirriżultawx mir-rabta konjugali eżistenti bejn il-persuna deċeduta u l-imsemmi konjuġi superstiti."

III. Il-kawża prinċipali

12. Lutz G. Mahnkopf miet fid-29 ta' Awwissu 2015, fejn ħalla warajh armla, Doris M. L. Mahnkopf, kif ukoll iben, Sven Mahnkopf. D. Mahnkopf u S. Mahnkopf huma partijiet fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju.

13. Sa meta miet, id-deċedut kien miżżewweġ lil D. Mahnkopf. Il-konjuġi kienu suġġetti għar-reġim legali tal-komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti. Fil-mument taż-żwieġ tagħhom, iż-żewġ konjuġi kellhom nazzjonalità Ġermaniża u kienu jirrisjedu fil-Ġermanja. Huma ma kinux ikkonkludew kuntratt taż-żwieġ. Id-deċedut ma kien ħalla ebda dispożizzjoni fil-każ tal-mewt tiegħu.

14. Il-patrimonju tad-deċedut kien jinsab fit-territorju Ġermaniż, bl-eċċezzjoni ta' sehem ta' 50 % mill-koproprjetà ta' proprjetà immobbli li tinsab fl-Isvezja.

15. Fuq talba tal-konjuġi tad-deċedut, il-qorti inkarigata mis-suċċezzjoni ħarġet, fit-30 ta' Mejju 2016, ċertifikat ta' suċċessjoni li kien jiddikjara li l-partijiet fil-proċedura huma l-werrieta legali ta' L. Mahnkopf, f'partijiet ugwali.

16. Ulterjorment, il-konjuġi tad-deċedut talbet il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Dan tal-aħħar kellu jservi sabiex jitniżżel it-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà fuq il-proprjetà immobbli li tinsab fl-Isvezja favur il-werrieta ta' L. Mahnkopf. Madankollu din it-talba ġiet miċħuda mill-qorti nazzjonali, li qieset li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB kien jirrigwarda kwistjonijiet relatati ma' reġimi matrimonjali, li ma kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012.

17. Il-konjuġi tad-deċedut ippreżentat appell kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, jiġifieri l-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja). F'dan l-istadju, il-konjuġi tad-deċedut ressqet ukoll talba eventwali, intiża sabiex jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, sempliċement bħala informazzjoni, il-fatt li kwart tas-suċċessjoni (iddefinit skont l-Artikolu 1371(1) tal-BGB) kien dovut lilha bħala parti mir-reġim matrimonjali.

18. Il-qorti tar-rinviju esprimiet dubji fir-rigward tal-possibbiltà li toħroġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni konformement mat-talbiet magħmula mill-konjuġi tad-deċedut.

19. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li L. Mahnkopf ma indikax għażla fir-rigward tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tiegħu. Konsegwentement, konformement mal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 650/2012, id-dritt Ġermaniż huwa applikabbli f'dan ir-rigward.

20. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet patrimonjali bejn il-konjuġi, il-qorti tar-rinviju tfakkar li attwalment, għad ma kienx hemm armonizzazzjoni tar-regoli ta' kunflitt fil-qasam tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali.

21. Konsegwentement, il-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali hija ddeterminata fir-rigward tar-regoli nazzjonali ta' kunflitt tal-liġi, fis-seħħ fi ħdan l-Istat tal-*forum*. Fid-dritt Ġermaniż dawn huma l-Artikoli 14 u 15 tal-Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuch (EGBGB) (liġi li tintroduċi l-Kodiċi Ċivili). Il-qorti tar-rinviju tindika li, fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, id-dritt Ġermaniż huwa applikabbli għar-reġim matrimonjali tad-deċedut u tal-konjuġi tiegħu.

22. Minkejja li d-dritt Ġermaniż huwa l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u għar-reġimi matrimonjali, il-qorti tar-rinviju tqis li, fil-kuntest ta' proċedura relatata ma' talba ta' ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni, id-delimitazzjoni tal-portata ta' dawn iż-żewġ liġijiet tista' tirriżulta importanti fir-rigward tal-kontenut u għall-effetti ta' dan iċ-ċertifikat.

IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament [Nru 650/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament ("suċċessjonijiet minħabba mewt") ikopri wkoll dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li, bħall-Artikolu 1371(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (BGB) (kodiċi ċivili Ġermaniż), jirregolaw kwistjonijiet patrimonjali wara l-mewt ta' konjuġi billi jżidu s-sehem legali tal-konjuġi l-ieħor?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikoli 68(l) u 67(1) tar-regolament [Nru 650/2012] għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-sehem tal-konjuġi superstiti jista' jitniżżel integralment fiċ-ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni anki meta dan is-sehem jirriżulta parzjalment minn żieda tas-sehem legali applikabbli skont regola patrimonjali bħall-Artikolu 1371(1) BGB?

   Fil-każ li r-risposta għandha, fil-prinċipju, tkun negattiva, huwa madankollu possibbli li, eċċezzjonalment, tingħata risposta fl-affermattiv

   a) meta ċ-ċertifikat tas-suċċessjoni jkun limitat għall-invokazzjoni tad-drittijiet tal-werrieta fi Stat Membru ieħor partikolari, fir-rigward ta' beni tad-deċedut li jkunu jinsabu f'dan l-Istat Membru u

   b) meta d-deċiżjoni dwar is-suċċessjoni (Artikoli 4 u 21 tar-Regolament [Nru 650/2012]) u, indipendentement mir-regoli ta' kunflitt applikabbli, il-kwistjonijiet dwar ir-reġim patrimonjali tal-konjuġi jkollhom jiġu deċiżi konformement mal-istess dritt nazzjonali?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tieni domandi, l-Artikolu 68(l) tar-Regolament [Nru 650/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sehem tas-suċċessjoni tal-konjuġi superstiti miżjud skont regola tar-reġim patrimonjali [matrimonjali] tal-konjuġi jista' jitniżżel integralment fiċ-ċertifikat ta' suċċessjoni Ewropew, iżda, minħabba din iż-żieda, biss bħala informazzjoni?".

24. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Novembru 2016.

25. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ġermaniż, Belġjan, Grieg, Taljan, Spanjol u Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Il-Gvern Ġermaniż, Belġjan, Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea pparteċipaw fis-seduta li żvolġiet fl-4 ta' Ottubru 2017.

V. Analiżi

A. Fuq ir-rwol tar-Regolament Nru 650/2012 fis-sistema tal-atti tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

26. Ir-Regolament Nru 650/2012 japplika għas-suċċessjonijiet tal-persuni li mietu fis-17 ta' Awwissu 2015 jew wara din id-data. Fir-rigward ta' dawn is-sitwazzjonijiet fattwali, ir-regoli ta' kunflitt uniformi jissostitwixxu r-regoli tad-dritt nazzjonali, li sa dak il-mument kienu kkaratterizzati minn differenzi kunsiderevoli bejniethom.

27. B'hekk, ir-Regolament Nru 650/2012 jikkontribwixxi sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni fi ħdan is-suq intern. Dan jikkorrispondi mat-tieni u t-tielet sentenzi tal-premessa 7 tar-Regolament Nru 650/2012 li tippreċiża li, fl-ispazju Ewropew ta' ġustizzja, id-drittijiet tal-werrieta u legatarji, tal-persuni l-oħra qrib il-persuna deċeduta kif ukoll tal-krediturі tas-suċċessjoni għandhom jiġu ggarantiti b'mod effettiv.

28. F'dan is-sens, ir-Regolament Nru 650/2012 jiddetermina l-ammissibbiltà u l-portata tal-libertà ta' għażla tal-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet. B'hekk dan ir-regolament jippermetti li tiġi riflessa, bl-aqwa mod possibbli, ir-rieda tal-persuna ddeċeduta fir-rigward tal-eżitu tal-patrimonju tagħha.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

29. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tiddetermina jekk dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB, tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012. Skont din id-dispożizzjoni, is-sehem li jikkorrispondi għal 25 % tal-wirt u li huwa dovut lill-konjuġi superstiti skont l-Artikolu 1931 tal-BGB jiġi inkrementat b'25 % ulterjuri tal-wirt, meta l-konjuġi jkunu baqgħu suġġetti għal reġim matrimonjali bbażat fuq il-komunità tal-akkwisti.

30. Il-qorti tar-rinviju esprimiet dubji dwar il-kwistjoni jekk, fir-rigward tar-Regolament Nru 650/2012, din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi kkwalifikata bħala regola relatata mas-"suċċessjoni għall-patrimonji tad-deċeduti" fis-sens tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament jew jekk għandu jitqies bħala "kwistjonijiet relatati ma' sistemi ta' proprjetà matrimonjali", eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 (Artikolu 1(2)(d) ta' dan ir-regolament).

31. Nixtieq nenfasizza li l-kwalifika tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB (inkwantu dispożizzjoni li taqa' taħt il-qasam tal-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet jew tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali) kienet suġġetta għal dibattiti vivaċi ta' natura dottrinali għal għexur ta' snin [4]. Din il-problematika lanqas ma ħarbet mid-dibattiti ta' natura ġurisprudenzjali [5].

32. L-armonizzazzjoni tar-regoli ta' kunflitt fil-kuntest tar-Regolament Nru 650/2012 (li jipprevalu fuq ir-regoli nazzjonali ta' kunflitt, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni) għandha madankollu l-effett segwenti: din il-problematika għandha tiġi eżaminata f'kuntest ġdid, attwalment mhux magħruf. Fil-fatt, il-kunċetti użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jidentifika l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 huma ta' natura awtonoma. Konsegwentement, il-kwalifika ta' regoli bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB fir-rigward tar-regoli ta' kunflitt ta' dritt nazzjonali ma tistax tkun deċiżiva, fir-rigward tar-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda preliminari [6].

1. Osservazzjonijiet preliminari

a) Pożizzjonijet tal-partijiet

1) Argumenti favur il-kwalifika tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB bħala dispożizzjoni li taqa' taħt il-qasam tal-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet

33. Il-pożizzjoni tal-Gvern Grieg tista' tinftiehem fis-sens li tiddikjara li l-sehem dovut lill-konjuġi superstiti minħabba l-likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali għandu jirriżulta fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, peress li dan tal-aħħar għandu jirrifletti s-sehem ta' wirt reali tal-werriet. Peress li dan is-sehem għandu jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, il-Gvern Grieg iqis li l-Artikolu 1371 tal-BGB għandu jitqies bħala regola li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012.

4 Matul il-perijodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 650/2012, id-duttrina kienet tidher li tagħti preferenza lill-fehma (fil-qasam ta' regoli nazzjonali ta' kunflitt) li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB kien dispożizzjoni li japplika fil-kuntest tad-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali (Dörner, H., "Internationales Erbrecht, Art. 25, 26 EGBGB", fi *Kommentar zum Bürgerlichen Gesetzbuch, Einfuhrungsgesetz zum BGB*, Berlin 2007, Art. 25, nb. 34; Riering, W., "Régime légal allemand et succession régie par la loi française", fi *Mélanges en l'honneur de Mariel Revillard*, Pariġi, Editions Defrénois 2007, p. 258-263; Popescu, D.A., *Guide on international private law in successions matters*, Magic Print 2014, Onesti, p. 18 u l-litteratura ċċitata).

5 F'sentenza mogħtija fil-5 ta' Awwissu 2011 (2 Wx 115/11, *Zeitschrift für das gesamte Familienrecht* 2012, 819), l-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln, il-Ġermanja) esprimiet il-perspettiva li l-konjuġi sopravissut ma jiksibx sehem mill-wirt taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB meta l-liġi applikabbli għall-proprjetà matrimonjali tkun id-dritt Ġermaniż u l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tkun id-dritt Tork. Sussegwentement, is-sentenza tas-16 ta' April 2012 (31 Wx 45/12, *Neue Juristische Wochenschrift-Rechtsprechungs-Report* 2012, 1096), l-Oberlandesgericht München (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München, il-Ġermanja) sostniet l-idea li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB tapplika għal kollox anki meta d-dritt applikabbli għas-suċċessjoni jkun id-dritt Iranjan. B'mod definittiv, skont ir-regoli ta' kunflitt Ġermaniżi, f'sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, IV ZB 30/14 (*Neue Juristische Wochenschrift* 2015, 2185), il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) tat deċiżjoni, billi ddikjarat li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB għandu japplika bħala regola ta' dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali. F'din is-sentenza, l-imsemmija qorti indikat ukoll li, anki meta d-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali jkun id-dritt Ġermaniż, meta d-dritt applikabbli għas-suċċessjoni jkun dak ta' Stat ieħor, il-konjuġi superstiti dejjem ikollu dritt għal sehem mill-wirt bis-saħħa tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB.

6 Id-duttrina ma hijiex unanima fir-rigward tal-kwalifika tal-Artikolu 1371(!) tal-BGB fid-dawl tar-Regolament Nru 650/2012. Ċerti awturi jsostnu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi regola ta' dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali (ara l-litteratura ċċitata minn Bonomi, A., "*Article 1* - Champ *d'application*", f Bonomi, A., Wautelet, P., *Le droit européen des successions, Commentaire du règlement (UE) n°650/2012, du 4 juillet 2012*, Bruylant, Brussell, 2016, p. 89; Reis, A., "Succession and Family Law", f' Bariatti, S., Viarengo, I., Villata, F.C., *Towards the Entry into Force of the Sucession Regulation*: *Building Future Uniformity upon Past Divergencies*, JUST/2013/JCIV/AG/4666, p. 45), filwaqt li awturi oħra jsostnu li jeħtieġ li din id-dispożizzjoni tiġi kkwalifikata bħala regola ta' wirt (Lagarde, P., "(Heinrich) Dörner: Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuche/IPR. Art. 25, 26 EGBGB. Anhang zu Art. 25 f EGBGB: Ausländische Rechte", *Revue critique de droit international privé*, 1996, p. 389; Margoński, M., "Anmerkung zum Vorlagebeschluss des Kammergerichts an den EuGH vom 25. Oktober 2016, 6 W 80/16 in der Rs. C-558/16, Mahnkopf", *Zeitschrift für Erbrecht und Vermögensnachfolge*, vol. 4, 2017, p. 212 u 213.).

34. Il-Gvern Taljan isostni li, peress li l-applikazzjoni tal-Artikolu 1371 tal-BGB tiddependi fuq il-mewt tal-konjuġi, din id-dispożizzjoni taqa' taħt il-qasam tad-dritt applikabbli għas-suċċessjonijiet. Insostenn tal-pożizzjoni tiegħu, dan il-gvern jinvoka barra minn hekk il-premessa 9 tar-Regolament Nru 650/2012 ("[i]l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jestendi għall-aspetti kollha tal-liġi ċivili tas-suċċessjoni għall-patrimonju ta' persuna deċeduta"), kif ukoll l-Artikolu 23(2)(b) tiegħu, li jipprovdi li l-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni testendi għad-"determinazzjoni tal-benefiċjarji, tas-sehem rispettiv tagħhom u tal-obbligi li jistgħu jiġu imposti fuqhom mid-deċedut, u d-determinazzjoni ta' drittijiet oħra ta' suċċessjoni, inklużi d-drittijiet ta' suċċessjoni ta' mart/żewġ jew tas-sieħba/sieħeb superstiti".

35. Huwa f'dan l-ispirtu li tidħol il-pożizzjoni tal-Gvern Pollakk; dan tal-aħħar jindika, fir-rigward tat-tqassim tal-assi, li dan huwa ċerta forma ta' trasferiment ta' proprjetà u ta' drittijiet, bl-inkrementazzjoni tas-sehem legali tas-suċċessjoni. Dan it-trasferiment seħħ esklużivament minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. F'dan ir-rigward il-Gvern Pollakk jipproċedi għal analiżi fid-dettall tal-istituzzjoni rregolata mill-Artikolu 1371(1) tal-BGB u tal-funzjoni tiegħu fid-dritt Ġermaniż. Il-Gvern Pollakk jesponi b'mod partikolari l-fat li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB għandu jiġi applikat flimkien mal-Artikolu 1931(1) u (3) tal-BGB, jiġifieri dispożizzjoni li mingħajr ebda dubju tirriżulta mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u li tirreferi espressament għall-Artikolu 1371 tal-BGB. Barra minn hekk, l-Artikolu 1371(1) tal-BGB japplika biss fis-sitwazzjoni fejn ir-reġim matrimonjali jiġi tterminat minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi; din id-dispożizzjoni ma tapplika qatt meta l-imsemmi reġim jiġi tterminat għal raġunijiet oħra. Fl-aħħar nett, skont il-Gvern Pollakk, fid-dawl tal-Artikolu 1938 tal-BGB, huwa possibbli li jiġi eskluż l-Artikolu 1371(1) tal-BGB fit-testament.

2) Argumenti kontra l-kwalifika tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB bħala dispożizzjoni li taqa' taħt il-qasam tal-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet

36. Il-Gvern Ġermaniż (billi jesponi f'dan ir-rigward perspettiva simili għal dik tal-Gvern Pollakk, filwaqt li jasal għal konklużjonijiet differenti) iqis li, sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari, jeħtieġ li jiġi evalwat jekk l-għan speċifiku tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB jirrigwardax is-"suċċessjoni" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 650/2012 jew jekk jirrigwardax il-"proprjetà matrimonjali" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(d) ta' dan l-istess regolament. F'dan il-kuntest, il-Gvern Ġermaniż jindika li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB għandu bħala għan li jirregola l-likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali; f'dan is-sens, din id-dispożizzjoni taqa' taħt id-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali. Il-fatt li din id-dispożizzjoni tipproċedi għal-likwidazzjoni billi tattribwixxi lill-konjuġi superstiti sehem mis-suċċessjoni huwa esklużivament intiż sabiex jiġi ssemplifikat it-tqassim bejn il-werrieta.

37. Bħall-Gvern Ġermaniż, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi adottat approċċ funzjonali fis-sitwazzjoni eżaminata, fejn dan l-approċċ jikkonsisti f'li jsir riferiment għall-għan tad-dispożizzjoni kkonċernata fid-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni tindika li, fil-każ ta' komunità tal-akkwisti, l-assi jiġu allokati biss meta l-komunità tiġi tterminata. Konsegwentement, id-dispożizzjoni inkwistjoni ma għandhiex bħala għan li tqassam il-patrimonju tal-persuna ddeċeduta fi ħdan iċ-ċirku ta' qraba tagħha, iżda pjuttost li tipproċedi għat-tqassim li jirriżulta mill-mewt tat-testatur, fejn dan il-mewt ikun wieħed mill-ġrajjiet li jagħtu lok għax-xoljiment tar-reġim matrimonjali.

38. Il-Gvern Belġjan ukoll jipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv. Insostenn ta' din il-pożizzjoni, il-Gvern Belġjan jindika li r-reġim matrimonjali ma għandux effetti biss matul iż-żwieġ, iżda wkoll meta jiġi xolt, inkluż meta dan ix-xoljiment iseħħ minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

39. Il-Gvern Spanjol sussegwentement jindika li l-premessi 11 u 12 tar-Regolament Nru 650/2012 ma jħallu ebda dubji fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, billi jeskludu minn dan tal-aħħar il-kwistjonijiet realtati mar-reġimi matrimonjali.

b) Ir-reġim tal-komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti fid-dritt Ġermaniż

40. Qabel ma nkompli bl-analiżi tiegħi, nixtieq niddeskrivi fil-qosor id-dispożizzjoni tad-dritt Ġermaniż li fuqha hija bbażata t-talba għal deċiżjoni preliminari. Ninsab persważ li tali karatterizzazzjoni għandha tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa b'mod globali l-problematika kkonċernata f'dan il-każ. Barra minn hekk, ser nerġa' nirreferi għal dawn il-kunsiderazzjonijiet iktar 'il quddiem fil-konklużjonijiet tiegħi.

41. Il-qafas matrimonjali legali fid-dritt Ġermaniż huwa dak tas-separazzjoni tal-assi bil-komunjoni tal-valur residwu tal-akkwisti, litteralment iddefinit mil-leġiżlatur Ġermaniż bħala "reġim ta' komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti" (*Zugewinngemeinschaft*). Madankollu ma hemm l-ebda dubju li din hija, f'dan il-każ, komunità bbażata fuq separazzjoni tal-assi. Kull wieħed mill-konjuġi jżomm il-patrimonju tiegħu stess u, konsegwentement (fi ħdan dan il-patrimonju nnifsu) ma hemmx patrimonju distint, li jieħu l-forma ta' patrimonju komuni.

42. Ix-xoljiment ta' dan ir-reġim meta żewġ konjuġi jkunu għadhom ħajjin, qabel kollox minħabba divorzju, jippermetti li ssir likwidazzjoni, intiża sabiex jiġu allokati d-differenzi f'termini ta' arrikkiment rispettiv tal-konjuġi li jkunu rriżultaw matul l-eżistenza tar-reġim matrimonjali. Wieħed jista' jqis, billi jagħti semplifikazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward, li f'sitwazzjonijiet ta' dan it-tip, il-likwidazzjoni tal-allokazzjonijiet bejn il-konjuġi ssir skont il-metodu deskritt hawn taħt [7].

43. L-ewwel nett, jeħtieġ li tiġi kkalkolata d-differenza bejn il-valur tal-patrimonju ta' kull wieħed mill-konjuġi fil-mument tax-xoljiment tar-reġim matrimonjali u l-valur tal-imsemmi patrimonju fil-mument tal-ħolqien ta' dan ir-reġim. B'riżultat ta' dawn il-kalkoli matematiċi, wieħed jiddetermina żewġ valuri, li jikkorrispondu għall-arrikkiment ta' kull wieħed mill-konjuġi waqt l-eżistenza tar-reġim matrimonjali. L-istadju segwenti jikkonsisti f'li jiġu pparagunati ż-żewġ ammonti miksuba. Jekk wieħed minn dawn iż-żewġ ammonti jirriżulta li huwa ogħla mit-tieni, il-konjuġi li l-patrimonju tiegħu żdied l-inqas matul l-eżistenza tar-reġim matrimonjali għandu d-dritt li jitħallas nofs id-differenza bejn l-ammonti relatati mal-arrikkiment taż-żewġ konjuġi (Artikolu 1378(1) tal-BGB).

44. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li sabiex tkun tista' ssir tali likwidazzjoni huwa neċessarju li wieħed ikun fil-pussess ta' informazzjoni li tippermetti li tiġi ddeterminata d-differenza tal-arrikkiment bejn il-konjuġi. Għal dan il-għan, id-dritt Ġermaniż jipprevedi l-possibbiltà li jiġi stabbilit inventarju li jiddeskrivi s-sitwazzjoni patrimonjali fil-mument tal-ħolqien tar-reġim tal-komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti (Artikolu 1377 tal-BGB). Barra minn hekk, wara x-xoljiment tar-reġim matrimonjali, bħal fil-każ tat-tressiq ta' talba għal divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew ta' separazzjoni antiċipata tal-assi, kull wieħed mill-konjuġi għandu d-dritt jirrikjedi l-iżvelar ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-assi tal-konjuġi tiegħu, informazzjoni li hija essenzjali għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-valur residwu tal-imsemmija akkwisti (Artikolu 1379 tal-BGB).

45. Ir-regoli esposti iktar 'il fuq (fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-patrimonju) madankollu ma japplikawx, bħala prinċipju, meta r-reġim matrimonjali jiġi tterminat minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

46. Skont ir-regoli ġenerali relatati mas-suċċessjonijiet *ab intestatio*, stabbiliti fl-Artikolu 1931(1) tal-BGB, meta l-wirt jinqasam ma' qraba familjari diretti, il-konjuġi superstiti għandu d-dritt għal kwart tal-wirt. Barra minn hekk, l-Artikolu 1931(3) tal-BGB jipprevedi li din il-vokazzjoni ta' suċċessjoni legali hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1371 tal-BGB. F'dan ir-rigward, il-konjuġi superstiti, werriet flimkien mal-qraba familjari tal-ewwel grad, jista' jippretendi kwar tal-wirt skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1931(1) tal-BGB u, barra minn hekk, għal kwart supplimentari mill-wirt, bis-saħħa tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB.

7 Ara, għal iktar dettalji: Martiny, D., Dethloff, N., *Property relationship between spouses– Germany*, Awwissu 2008.

47. Din is-soluzzjoni tippermetti li tiġi ssemplifikata l-likwidazzjoni tal-assi bejn il-konjuġi superstiti u l-werrieta l-oħra tal-persuna ddeċeduta. Hija teħles lill-persuni kkonċernati mill-kompitu fastidjuż li jikkonsisti f'li jipprovaw il-valur residwu tal-akkwisti ta' kull wieħed mill-konjuġi. Dan il-kompitu jista' jirriżulta li hu iktar diffiċli, fid-dawl tal-mewt tad-*de cujus*. Barra minn hekk, dan il-kompitu jista' jkun sors ta' kunflitti mhux mixtieqa bejn il-qraba tal-persuna ddeċeduta.

48. Barra minn hekk, ġie enfasizzat ukoll li l-fatt li ma huwiex meħtieġ li jiġi pprovat li seħħet (jew ma seħħitx) realment inkrementazzjoni tal-akkwisti u l-allokazzjoni lill-konjuġi superstiti ta' sehem supplimentari ta' kwart tal-wirt jikkostitwixxi sa ċertu punt "premju" għall-konjuġi li ma sseparawx waqt il-ħajja miżżewġa tagħhom [8]. Fil-fatt, jeħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li l-kwart tal-wirt huwa dovut lill-konjuġi superstiti anki fl-assenza ta' kull valur residwu. Effettivament, dan il-kwart jiġi għalhekk ikkalkolat bħala frazzjoni tal-wirt u mhux bħala frazzjoni tal-arrikkiment ta' wieħed mill-konjuġi. B'hekk, il-konjuġi superstiti jista', bis-saħħa tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB, jikseb iktar minn dak li seta' jitlob permezz ta' likwidazzjoni matematika tal-valur residwu. Madankollu, wieħed lanqas ma jista' jeskludi l-każ kuntrarju, fejn likwidazzjoni matematika tal-valur residwu tkun iktar favorevoli għall-konjuġi superstiti

49. Madankollu, dan ma huwiex l-uniku metodu ta' likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Id-dritt Ġermaniż jippermetti, f'ċerti każijiet, li ssir likwidazzjoni matematika tal-valur residwu.

50. L-ewwel nett, meta l-konjuġi superstiti ma jkunx werriet jew legatarju tal-konjuġi ddeċedut, huwa l-Artikolu 1371(2) tal-BGB li għandu japplika. Il-konjuġi jista' għalhekk jirrikjedi likwidazzjoni matematika tal-valur residwu. Minbarra d-dritt għal likwidazzjoni matematika tal-valur residwu, il-konjuġi superstiti jista' wkoll jitlob, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2303(2) porzjon irriżervat tal-wirt, ikkalkolat skont is-sehem li kien ikun dovut lilu li kieku kien igawdi minn suċċessjoni legali fis-sens tal-Artikolu 1931 tal-BGB.

51. It-tieni nett, is-sitwazzjoni tal-konjuġi superstiti tirriżulta li hija simili meta dan jirrifjuta l-wirt tal-persuna ddeċeduta. F'dan il-każ, il-konjuġi superstiti jista' jirrikjedi likwidazzjoni matematika tal-valur residwu, kif ukoll il-porzjon irriżervat tal-wirt (Artikolu 1371(3) tal-BGB), minkejja l-fatt li fid-dritt Ġermaniż, bħala prinċipju, il-werriet li jirrifjuta suċċessjoni ma għandux dritt għall-porzjon irriżervat tal-wirt.

52. Id-duttrina telenka wkoll tielet ipoteżi, li ma hijiex irregolata mil-liġi, li fiha l-Artikolu 1371(1) tal-BGB ma japplikax, minkejja x-xoljiment tar-reġim matrimonjali minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Dawn huma sitwazzjonijiet fejn il-konjuġi ddeċedut ikun stabbilixxa dispożizzjonijiet testamentarji favur il-konjuġi l-ieħor [9].

53. Konsegwentement, kemm id-*de cujus* kif ukoll il-konjuġi superstiti jistgħu unilateralment jevitaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 1371(1). Bħala prinċipju, huma jipproċedu b'tali mod billi jagħmlu użu minn strumenti klassiċi tad-dritt tas-suċċessjoni. Il-konjuġi superstiti jista' jirrinunzja għas-suċċessjoni u d-*de cujus* jista' jeskludi lil dan il-konjuġi mis-suċċessjoni permezz ta' dispożizzjonijiet minħabba mewt.

8 Droz, G.A.L., "Les régimes matrimoniaux en droit international privé comparé", *Recueil des cours de l'Académie de la Haye*, vol. 143, 1974, p. 98.

9 L-awtur segwenti jippreżenta perspettivi eżistenti fid-duttrina Ġermaniża fir-rigward ta' din il-kwistjoni: Zimmermann, R., "Intestate Succession in Germany", f'Reid, K.G.C., de Waal, M., Zimmermann, R., *Comparative Succession Law. Volume II. Intestate Succession*, Oxford University Press, Oxford 2015, p. 213.

c) Delimitazzjoni tal-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali – osservazzjonijiet ta' natura ġenerali

1) Fuq l-assenza ta' koordinazzjoni bejn il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u l-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali

54. Id-dritt tal-Istati differenti jipprevedi soluzzjonijiet differenti sabiex jiġu ggarantiti l-interessi tal-konjuġi superstiti. Ċerti leġiżlaturi jużaw għal dan il-għan strumenti karatteristiċi tad-dritt tas-suċċessjoni, billi jipprivileġġjaw lill-konjuġi superstiti meta mqabbel ma' werrieta oħra. Leġiżlaturi oħra jistrieħu fuq soluzzjonijiet li jirrigwardaw ir-reġimi matrimonjali, filwaqt li ma jinkludux lill-konjuġi mal-werrieta jew jillimitaw id-drittijiet tiegħu ta' suċċessjoni [10].

55. Madankollu huwa diffiċli li jinsabu eżempji ta' wieħed minn dawn il-mudelli fil-forma pura tiegħu. Fil-fatt, normalment wieħed isib mudell imħallat, fejn il-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi patrimonjali tal-konjuġi superstiti tinsilet f'sensiela ta' soluzzjonijiet ikkorrelatati bejniethom, li jirriżultaw kemm mid-dritt tas-suċċessjoni kif ukoll mid-dritt tar-reġimi matrimonjali. Bħala prinċipju, dawn l-elementi għandhom jikkostitwixxu sistema koerenti, li żżomm l-ekwilibriju mixtieq bejn l-interessi tal-konjuġi superstiti, tal-werrieta u legatarji l-oħra, kif ukoll tal-krediturі.

56. F'sitwazzjonijiet marbuta mad-dritt ta' numru ta' pajjiżi, id-dritt applikabbli għas-suċċessjoni u d-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali huma ddelineati minn diversi regoli ta' kunflitt. F'dan is-sens, it-tiftix tad-dritt applikabbli skont ir-regoli ta' kunflitt tista' tagħti rilevanza lil dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn żewġ ordinamenti ġuridiċi differenti. Dawn is-soluzzjonijiet ma jeħtiġux li jkunu kkoordinati bejniethom. Dan l-aspett jista' jikkostitwixxi numru ta' komplikazzjonijiet.

57. Pereżempju, id-dritt applikabbli għas-suċċessjoni jista' jipproteġi l-interessi patrimonjali tal-konjuġi billi jirrikorri għal dispożizzjonijiet relatati mar-reġimi matrimonjali, filwaqt li d-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali jista' jirrikorri, għal dan il-għan, għal strumenti li jaqgħu taħt id-dritt tas-suċċessjoni.

58. Jeħtieġ ukoll li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni opposta li fiha, permezz tal-kumulu ta' dawn is-soluzzjonijiet differenti, il-konjuġi superstiti jista' jiġi pprivileġġjat b'mod sproporzjonat. Sitwazzjoni ta' dan it-tip jirriżulta meta l-istat tas-suċċessjoni jkun irregolat minn dritt li jipproteġi b'mod partikolari lill-konjuġi superstiti, li jirrikorri għal mekkaniżmi tad-dritt tas-suċċessjoni, filwaqt li l-istat tar-reġim matrimonjali jkun irregolat minn dritt li jiggarantixxi lill-imsemmi konjuġi privileġġi partikolari, fejn tidħol likwidazzjoni marbuta max-xoljiment ta' dan ir-reġim.

2) Il-klassifikazzjoni

59. L-inkonvenjent li jirriżulta mill-applikazzjoni simultanea tar-regoli li joħorġu mill-ordinamenti ġuridiċi differenti jistgħu jkunu limitati permezz tal-klassifikazzjoni ("qualification", "Qualifikation", "characteristation"). Din tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċetti użati fil-kuntest tar-redazzjoni tar-regoli differenti ta' kunflitt sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tagħhom.

60. Peress li r-regoli ta' kunflitt jikkostitwixxu forma ta' sistema, jeħtieġ li l-klassifikazzjoni sseħħ b'tali mod li ma jkunx hemm sovrappożizzjoni tal-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tar-regoli differenti ta' kunflitt.

10 Graue, E.D., "The Rights of Surviving Spouses under Private International Law", *The American Journal of Comparative Law*, vol. 15, 1966-1967, p. 164 u 165.

61. Madankollu, il-kisba ta' riżultati sodisfaċenti bl-għajnuna tal-klassifikazzjoni ma hijiex dejjem possibbli. B'mod partikolari, huwa diffiċli li jiġu deċiżi b'dan il-mod problemi marbuta mad-delimitazzjoni tar-regoli relatati mal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u mal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali [11].

3) L-adattament fid-dritt internazzjonali privat

62. In-nuqqasijiet relatati mal-klassifikazzjoni jistgħu madankollu jiġu kkontrobilanċjati permezz ta' istituzzjoni ġenerali oħra tad-dritt internazzjonali privat, jiġifieri l-adattament ("adaptation", "Anpassung"). L-adattament għandu bħala għan li jelimina n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn dispożizzjonijiet ta' dritt materjali li jirriżultaw minn ordinamenti ġuridiċi differenti, li jikkostitwixxu d-dritt applikabbli għall-finijiet ta' deċiżjoni ta' problematika kkorrelatata.

63. Minkejja li l-għan tal-adattament jidher stabbilit b'mod ċar, huwa diffiċli li jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet dwar il-mod kif għandu jseħħ dan l-adattament. Fi kwalunkwe ipoteżi, il-miżuri ta' adattament jistgħu jiġu implementati fuq livell tar-regoli ta' kunflitt, billi jiddefinixxu mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, sabiex jiġu evitati l-inkompatibbiltajiet u tiġi deċiża l-kwistjoni fuq il-bażi ta' dritt wieħed applikabbli [12], jew fuq livell tar-regoli ta' dritt sostantiv, billi jiġu emendati dispożizzjonijiet li jibqgħu f'kunflitt. F'verżjoni estrema, din il-modalità tagħti lok għall-ħolqien ta' forma ta' sinteżi bejn żewġ ordinamenti ġuridiċi [13].

64. Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-miżuri ta' adattament madankollu ma humiex ta' importanza deċiżiva fil-kuntest tar-risposta li għandha tingħata għad-domandi preliminari. F'dan il-każ, ma tistax tkun kwistjoni ta' assenza ta' koordinazzjoni bejn il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u l-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali. Kemm is-suċċessjoni, kif ukoll ir-reġimi matrimonjali huma suġġetti għad-dritt Ġermaniż.

65. L-osservazzjonijiet li fformulajt huma madankollu importanti, sa fejn jistgħu jirriżultaw li huma sinjifikanti ħafna f'sitwazzjonijiet fattwali minbarra dawk inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Inqis li, filwaqt li tagħti risposti għad-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun kuxjenti tal-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw mill-adozzjoni ta' soluzzjoni ddeterminata fil-kuntest ta' din il-kawża. Fil-fatt, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr dubju jkollha effett kunsiderevoli fuq il-prassi tal-qrati nazzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 f'sitwazzjonijiet oħra.

66. Fl-istess waqt, nixtieq nindika li, indipendentement mill-klassifikazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, fir-rigward tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB, l-imsemmija klassifikazzjoni ma għandhiex telimina għal kollox il-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal miżuri ta' adozzjoni. Indipendentement minn jekk jitqiesx li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB jaqax taħt il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew

11 Ara Kohler, Ch.,, "L'autonomie de la volonté en droit international privé", *Recueil des Cours de l'Académie de la Haye*, vol. 359, 2013, p. 443.

12 Pereżempju, meta d-dritt applikabbli għar-reġimi matrimonjali jipproteġi lill-konjuġi superstiti bl-għajnuna ta' dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tas-suċċessjoni, filwaqt li d-dritt applikabbli għas-suċċessjoni jirrikorri, għal dan il-għan, għal dispożizzjonijiet relatati mar-reġimi matrimonjali, jeħtieġ, fil-fehma ta' ċerti awturi, li l-kwistjonijiet relatati mal-likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali jiġu ssuġġettati għad-dritt relatat mas-suċċessjoni. B'hekk, fir-rigward tal-perijodu li jippreċedi d-ħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 650/2012, ara Bucher, A., "La dimension sociale du droit international privé. Cours général", *Recueil des Cours de l'Académie de la Haye*, vol. 341, 2010, p. 243.

13 Matul il-perijodu li jippreċedi d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 650/2012, ġie sostnut xi drabi li, meta l-liġi applikabbli għall-patrimonju matrimonjali kienet id-dritt Ġermaniż, filwaqt li s-suċċessjoni kienet suġġetta għal dritt ieħor, ma kienx japplika l-Artikolu 1371(1) tal-BGB. F'sitwazzjoni bħal din, kien meħtieġ li jiġi applikat l-Artikolu 1371(2) tal-BGB u li ssir likwidazzjoni matematika tal-valur residwu, skont ir-regoli applikabbli fil-każ ta' divorzju (Droz, G.A.L., "Les régimes matrimoniaux en droit international privé comparé", *Recueil des cours de l'Académie de la Haye*, vol. 143, 1974, p. 98; Coester, M., "International Aspects of German Estate Law", *Loyola of Los Angeles International and Comparative Law Review*, vol. 53, 1981, p. 66). Din il-fehma bħala prinċipju twassal għall-pożizzjoni li l-formulazzjoni "konjuġi superstiti li ma [huwiex] werriet […]", għandha tinftiehem bħala "il-konjuġi superstiti la ma huwiex werriet li jibbenefika mis-suċċessjoni fis-sens tad-dritt Ġermaniż". Graue, E.D., f'*Comparative law of matrimonial property*: *a Symposium at the International Faculty of Comparative Law at Luxembourg on the laws of Belgium, England, France, Germany, Italy and the Netherlands*, red. A. Kiralfy, Leiden, A.W. Sijthoff 1972, p. 144.

għar-reġimi matrimonjali, f'ċerti każijiet, din is-soluzzjoni tista' twassal sabiex jiġi pprivileġġjat jew żvantaġġjat eċċessivament il-konjuġi superstiti. Huwa għalhekk li tista' tirriżulta l-ħtieġa li jsir adattament, li l-metodu ta' kif għandu jsir ikun evidentement jiddependi mis-sitwazzjoni fattwali konkreta.

67. Wara li fformulajt dawn l-osservazzjonijiet introduttivi, dwar l-Artikolu 1371(1) tal-BGB u dwar problematiċi ta' natura ġenerali fid-dritt internazzjonali privat fil-qasam ta' klassifikazzjoni, nista' nipproċedi għall-analiżi dwar l-ewwel domanda preliminari.

2. Delimitazzjoni tal-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali fil-kuntest tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB

a) Delimitazzjoni tal-kampi ta' applikazzjoni rispettivi tar-Regolament Nru 650/2012 u tar-Regolament 2016/1103

68. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 huwa ddeterminat f'sens pożittiv permezz tal-Artikolu 1(1) tiegħu. Konformement ma' din id-dispożizzjoni, dan ir-regolament jirrigwarda s-"suċċessjoni għall-patrimonji tad-deċeduti". L-Artikolu 3(1) ta' dan l-istess regolament jipprevedi, min-naħa tiegħu, li l-kunċett ta' "suċċessjoni" jirrigwarda s-suċċessjoni minħabba mewt, fejn dan it-terminu jkopri kull forma ta' trasferiment ta' assi, ta' drittijiet u ta' obbligi li jirriżultaw minħabba mewt.

69. Sussegwentement, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 huwa ddefinit negattivament mill-Artikolu 1(2) tiegħu. Skont l-Artikolu 1(2)(d) ta' dan ir-regolament, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu "kwistjonijiet relatati ma' sistemi ta' proprjetà matrimonjali u sistemi ta' proprjetà ta' relazzjonijiet meqjusin mil-liġi applikabbli għal tali relazzjonijiet bħala li għandhom effetti paragunabbli maż-żwieġ".

70. Madankollu, ir-Regolament Nru 650/2012 ma jinkludix indikazzjonijiet fid-dettall fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kwistjonijiet relatati ma' sistemi ta' proprjetà matrimonjali".

71. Madankollu, ir-Regolament Nru 650/2012 ma huwiex l-uniku strument li ġie adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 81 TFUE. Billi kkonstata l-assenza ta' regoli ta' kunflitt uniformi fil-qasam tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta wkoll, taħt l-Artikolu 81(3) TFUE, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1103, tal-24 ta' Ġunju 2016, li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali [14]. Dan ir-regolament huwa applikabbli, bħala prinċipju, mid-29 ta' Jannar 2019 (it-tieni sentenza tal-Artikolu 70(2) ta' dan ir-regolament).

14 ĠU 2016, L 183, p. 1.

72. Ir-Regolament Nru 650/2012 u r-Regolament 2016/1103 għandhom jikkumplimentaw lil xulxin u l-kampi ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom ma għandhomx jissovrapponu fuq xulxin. Konsegwentement, il-kwistjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/1103 huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012, sa fejn huma jirrigwardaw ir-reġimi matrimonjali. Il-kwistjonijiet marbuta mas-suċċessjonijiet huma min-naħa tagħhom eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/1103 [15].

73. F'dan ir-rigward, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 ma jistax ivarja skont jekk jiġix applikat mill-korpi ġudizzjarji ta' Stati Membri li jipparteċipaw (jew ma jipparteċipawx) fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament 2016/1103. Il-fatt li r-Regolament 2016/1103 għadu ma huwiex applikabbli lanqas ma huwa rilevanti. Meta dan tal-aħħar ikun applikabbli, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 ma jiġi bl-ebda mod immodifikat.

74. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/1103 huwa ddefinit bl-Artikolu 1(1) tiegħu, li skontu dan ir-regolament għandu japplika għar-"reġimi tal-proprjetà matrimonjali". Il-premessa 18 tiegħu tippreċiża li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandu jestendi għall-aspetti kollha tad-dritt ċivili tar-reġimi matrimonjali, li jirrigwardaw fost oħrajn "il-likwidazzjoni tar-reġim, li tirriżulta b'mod partikolari […] mill-mewt ta' konjuġi".

75. Is-"suċċessjoni għall-patrimonju ta' konjuġi deċedut" huwa madankollu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/1103, konformement mal-Artikolu 1(2)(d) tiegħu. Dan l-element huwa kkonfermat mill-premessa 22 tar-Regolament 2016/1103, li skontu l-kwistjonijiet relatati mas-suċċessjoni ta' konjuġi ddeċedut għandhom jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, inkwantu huma koperti mir-Regolament Nru 650/2012.

76. Indikazzjonijiet oħra fir-rigward tal-kampi ta' applikazzjoni rispettivi ta' dawn iż-żewġ regolamenti huma pprovduti mid-dispożizzjonijiet relatati mal-portata tal-liġi applikabbli, fuq il-bażi tar-regoli ta' kunflitt li jinsabu f'dawn ir-regolamenti. B'hekk, l-Artikolu 27(e) tar-Regolament 2016/1103 jipprovdi li l-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali għandha tirregola, fost oħrajn, "ix-xoljiment tar-reġim tal-proprjetà matrimonjali u d-diviżjoni, id-distribuzzjoni jew il-likwidazzjoni tal-proprjetà". Sussegwentement, konformement mal-Artikolu 23(2)(b) tar-Regolament Nru 650/2012, il-liġi li sservi bħala bażi applikabbli għar-regoli ta' kunflitt ta' dan ir-regolament tirregola "id-determinazzjoni tal-benefiċjarji, tas-sehem rispettiv tagħhom u tal-obbligi li jistgħu jiġu imposti fuqhom mid-deċedut, u d-determinazzjoni ta' drittijiet oħra ta' suċċessjoni, inklużi d-drittijiet ta' suċċessjoni ta' mart/żewġ jew tas-sieħba/sieħeb superstiti".

77. Konsegwentement, inqis li r-Regolament 2016/1103 għandu japplika fir-rigward tal-kwistjonijiet marbuta b'mod partikolari mad-determinazzjoni tad-drittijiet patrimonjali li jiġu inklużi (jew li ma jiġux inklużi) fis-suċċessjoni, iżda li ma għandux japplika fl-evalwazzjoni tad-drittijiet tal-konjuġi superstiti fuq l-elementi li diġà jagħmlu parti mis-suċċessjoni. Bħala eżempju, jekk il-konjuġi kienu suġġetti għar-reġim tal-komunità tal-akkwisti, fuq il-bażi tal-liġi indikata mir-regoli tar-Regolament 2016/1103, ikun meħtieġ li jiġi stabbilit jekk proprjetà immobbli akkwistata matul iż-żwieġ tagħmilx parti jew le mill-patrimonju komuni u lil liema mill-konjuġi din għandha tiġi attribwita wara x-xoljiment tar-reġim imsemmi iktar 'il fuq.

15 F'dan is-sens, fir-rigward tad-delimitazzjoni tal-kampi ta' applikazzjoni rispettivi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243) u tar-Regolament Nru 650/2012, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Matoušková (C-404/14, EU:C:2015:428, punt 31). Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat fehma analoga fis-sentenza f'din il-kawża, billi indikat li l-ġurisprudenza tagħha għandha t-tendenza li tevita kull sovrappożizzjoni bejn ir-regoli tad-dritt li dawn it-testi jiddikjaraw u kull lakuna ġuridika. Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Matoušková (C-404/14, EU:C:2015:653, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78. L-Artikolu 1371(1) tal-BGB ma jirrigwardax id-diviżjoni ta' elementi patrimonjali bejn il-konjuġi, iżda l-kwistjoni tad-drittijiet tal-konjuġi superstiti fir-rigward tal-elementi li diġà jkunu ġew inklużi fil-patrimonju għas-suċċessjoni. Għaldaqstant dan huwa argument favur l-affermazzjoni li dispożizzjoni bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB (inkwantu kwistjoni marbuta mas-"suċċessjoni għall-patrimonju ta' konjuġi deċedut", fis-sens tal-Artikolu 1(2)(d) tar-Regolament 2016/1103 u tal-premessa 22 ta' dan ir-regolament) ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali.

79. Il-kunsiderazzjonijiet esposti hawn fuq jistgħu jikkostitwixxu indikazzjoni fir-rigward tal-fatt li s-sehem dovut lill-konjuġi superstiti (taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB) ma għandux jitqies bħala kwistjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/1103, iżda bħala kwistjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012.

b) Klassifikazzjoni tas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni

1) Osservazzjonijiet preliminari

80. Il-Gvern Ġermaniż u dak Belġjan, kif ukoll il-Kummissjoni, jenfasizzaw fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom li fl-għoti ta' risposta għall-ewwel domanda preliminari, jeħtieġ li jiġi analizzat l-Artikolu 1371(1) tal-BGB u li jiġi ddeterminat l-għan ta' din id-dispożizzjoni. Fuq din il-bażi, sussegwentement jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk din hijiex regola li taqa' taħt il-portata tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali jew taħt il-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni. Il-Gvern Pollakk jiddikjara lilu nnifsu wkoll favur tali approċċ; madankollu, l-imsemmi gvern jifformula konklużjoni finali differenti f'dan ir-rigward.

81. Jien nikkondividi l-fehma li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni speċifika ma tistax issir b'mod iżolat, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-funzjoni li teżerċita l-imsemmija dispożizzjoni. Fid-duttrina, huwa sostnut li regola l-għan tagħha huwa d-diviżjoni tal-beni tal-persuna ddeċeduta taqa' taħt id-dritt applikabbli għas-suċċessjoni. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-konjuġi superstiti li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tiegħu fl-inkrementazzjoni tal-patrimonju, għandha tiġi applikata l-liġi li tirregola r-reġim matrimonjali [16].

82. Jidher li l-problematika ta' kunflitt tal-liġi analizzata fil-kuntest ta' din il-kawża tirrikjedi eżami f'iktar dettall tal-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mar-regoli dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. Hija f'din il-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-funzjoni tal-istituzzjonijiet ġuridiċi differenti, fost oħrajn għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli differenti ta' ġurisdizzjoni.

2) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' "reġimi matrimonjali" fir-rigward tar-regoli dwar ġurisdizzjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

83. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddedikat ħafna attenzjoni għall-interpretazzjoni tal-punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell [17], li kien jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni l-kwistjonijiet relatatli mar-"reġimi matrimonjali".

16 Solomon, D., "The boundaries of the law applicable to succession", *Anali Pravnog Fakulteta Univerziteta u Zenici*, edizzjoni 18, 2016, p. 200.

17 Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell".

84. Fis-sentenza de Cavel[18], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-esklużjoni relatata mar-"reġimi matrimonjali" (imsemmija fil-punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell) ma kinitx tinkludi biss ir-reġimi patrimonjali fost il-konjuġi kkontemplati mid-dritt nazzjonali, iżda wkoll "ir-relazzjonijiet patrimonjali kollha li jirriżultaw direttament mir-rabta konjugali jew mix-xoljiment tagħha" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx l-ipoteżi li r-raġuni għax-xoljiment tar-reġim matrimonjali kienet il-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. F'din il-kawża, it-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda proċeduri ta' divorzju.

85. Il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet tenniet il-pożizzjoni tagħha espressa f'din id-deċiżjoni fis-sentenza tagħha W.[19]. Il-kawża prinċipali kienet tirrigwarda t-talba magħmula minn wieħed mill-konjuġi, dwar radd lura ta' *codicillus* li l-konjuġi l-ieħor kien approprja ruħu minnu bil-għan li juri, insostenn ta' dan id-dokument, il-ġestjoni ħażina tal-patrimonju tiegħu mill-konjuġi tiegħu. Il-qorti tar-rinviju talbet b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, sa fejn din id-dispożizzjoni kienet tirrigwarda l-esklużjoni tal-applikabbiltà tal-Konvenzjoni għat-"testmenti u suċċessjonijiet" (l-ewwel domanda preliminari) u għar-"reġimi matrimonjali" (it-tieni domanda preliminari). Il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat fl-ewwel lok it-tieni domanda preliminari u qieset li l-problematika tal-ġestjoni tal-patrimonju, ġaladarba kien marbut strettament mar-"relazzjonijiet patrimonjali kollha li jirriżultaw direttament mir-rabta ta' żwieġ tagħhom"[20] [traduzzjoni mhux uffiċjali], fis-sens tas-sentenza de Cavel[21], kienet eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell[22].

86. Fis-sentenza van den Boogaard[23], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet sussegwentement il-kwistjoni dwar jekk deċiżjoni, mogħtija fil-kuntest ta' proċeduri ta' divorzju, li tordna l-ħlas ta' somma f'daqqa kif ukoll it-trasferiment tal-proprjetà ta' ċerti beni minn konjuġi lill-ex-konjuġi tiegħu, taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell jew tibqax barra minnha, minħabba l-esklużjoni li tirrigwarda r-"reġimi matrimonjali" (punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell)[24]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-deċiżjoni li tordna l-ħlas ta' somma f'daqqa favur wieħed mill-konjuġi huwa obbligu ta' manteniment, fil-mument li dan ikun intiż għas-sostenn ta' konjuġi fil-bżonn jew jekk il-bżonnijiet u r-riżorsi ta' kull wieħed mill-konjuġi jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni ta' din is-somma. Meta dan il-ħlas ikun intiż biss għad-diviżjoni tal-beni bejn il-konjuġi, id-deċiżjoni tirrigwarda r-reġimi matrimonjali[25].

3) Fuq ir-riferiment għall-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni ta' Brussell għall-ħtiġijiet tal-interpretazzjoni tar-regoli previsti mir-Regolament Nru 650/2012

87. Fil-fehma tiegħi, ma jissistux raġunijiet għall-adozzjoni ta' interpretazzjoni differenti tal-kunċetti ta' "reġimi matrimonjali" u ta' "kwistjonijiet marbuta mar-reġimi matrimonjali" taħt ir-regoli ta' kunflitt tal-liġi (inkuż ir-Regolament Nru 650/2012) u tar-regoli dwar ġurisdizzjoni tal-Unjoni.

18 Sentenza tas-27 ta' Marzu 1979, de Cavel (143/78, EU:C:1979:83, punt 7).

19 Sentenza tal-31 ta' Marzu 1982, W. (25/81, EU:C:1982:116, punt 6).

20 Sentenza tal-31 ta' Marzu 1982, W. (25/81, EU:C:1982:116, punt 7).

21 Sentenza tas-27 ta' Marzu 1979, de Cavel (143/78, EU:C:1979:83).

22 Sentenza tal-31 ta' Marzu 1982, W. (25/81, EU:C:1982:116, punt 9)

23 Sentenza tas-27 ta' Frar 1997, van den Boogaard (C-220/95, EU:C:1997:91).

24 Jeħtieġ li jiġi indikat li l-Konvenzjoni ta' Brussell ma kinitx teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-"obbligi ta' manteniment li jirriżultaw mir-relazzjonijiet ta' familja, ta' parentela, ta' żwieġ jew ta' affinità", kuntrarjament għall-Artikolu 1(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1). B'hekk, il-fatt li t-tilwima (li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni) titqies li taqa' taħt il-qasam tal-obbligi ta' manteniment ippermetta l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell. Illum, kawża ta' dan it-tip tkun taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1).

25 Sentenza tas-27 ta' Frar 1997, van den Boogaard (C-220/95, EU:C:1997:91, punt 22).

88. Ir-Regolament Nru 1215/2012 huwa s-suċċessur tal-Konvenzjoni ta' Brussell. L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li dan tal-aħħar ma japplikax għal "relazzjonijiet [reġimi] matrimonjali". Fid-digriet tagħha Iliev[26], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Artiklu 1(2)(a) tar-Regolament Nru 1215/2012 kien jikkoinċidi mal-punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell. F'dan l-istess digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll in-natura attwali tal-ġurisprudenza relatata mal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "reġimi matrimonjali" fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1215/2012[27]. Fid-duttrina, huwa ddikjarat ukoll li l-kunċetti li jinsabu fir-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja relatati mal-Konvenzjoni ta' Brussell[28].

89. Il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tar-Regolamenti Nru 650/2012, 2016/1103 u Nru 1215/2012 għandhom ikunu kumplimentari. F'dan is-sens inqis li l-esklużjoni tal-"kwistjonijiet relatati ma' sistemi [reġimi] ta' proprjetà matrimonjali", imsemmija fl-Artikolu 1(2)(d) tar-Regolament Nru 650/2012 għandha tiġi interpretata b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-esklużjoni tar-"reġimi matrimonjali" mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell (punt 1 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni).

90. F'dan ir-rigward, ninsab kuxjenti tal-fatt li l-għan tar-regoli dwar ġurisdizzjoni u tar-regoli dwar kunflitt ta' liġi (li fuqhom huwa bbażat ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari f'dan il-każ) ma huwiex identiku. Madankollu, ir-Regolament Nru 650/2012 ma jinkludix biss regoli dwar kunflitt ta' liġi, iżda wkoll regoli dwar ġurisdizzjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 650/2012, iddefinit mill-Artikolu 1 tiegħu, jirreferi għal dawn iż-żewġ tipi ta' dispożizzjonijiet. Fl-assenza ta' raġunijiet imperattivi f'dan ir-rigward, ma teżisti ebda raġuni sabiex kunċetti ġenerali, li permezz tagħhom ir-regolamenti jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħhom, jiġu interpretati b'mod differenti, skont jekk dawn jirrigwardawx regoli dwar kunflitt ta' liġi jew dwar ġurisdizzjoni.

4) Konklużjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tar-regoli dwar ġurisdizzjoni

91. L-analiżi tal-ġurisprudenza dwar ir-regoli dwar ġurisdizzjoni msemmija fil-punti 84 sa 86, fid-dawl tal-osservazzjonijiet ifformulati fil-punt 90 (iktar 'il fuq), tagħti lok għall-konklużjoni li ġejja: l-esklużjoni tar-"reġimi matrimonjali" mill-kamp ta' applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili essenzjalment jirrigwardaw ir-relazzjonijiet patrimonjali kollha li jirriżultaw direttament mir-rabta konjugali jew mix-xoljiment ta' din ir-rabta, inkluża l-kwistjoni tal-inklużjoni ta' elementi patrimonjali differenti fi ħdan il-patrimonju ereditarju jew il-kwistjoni tal-patrimonju li għandu jiġi diviż bejn il-konjuġi.

92. Sabiex tkun tista' tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari, huwa neċessarju li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB jiġi kklassifikat bħala dispożizzjoni li għandha tapplika fil-kuntest ta' ambitu li jirregola suċċessjoni jew tal-ambitu tar-reġim matrimonjali, fil-kuntest tar-regoli tal-Unjoni. Konsegwentement jeħtieġ li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata fid-dawl tal-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-għan ta' din ir-regola u, fuq din il-bażi, tal-għoti ta' risposta għall-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju.

93. Dispożizzjoni bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB għandha tapplika esklużivament f'każijiet ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, huwa minnu li tkun għadha possibbli diviżjoni tal-beni bejn il-patrimonju ereditarju u l-patrimonju tal-konjuġi superstiti. Madankollu, fir-rigward tal-osservazzjonijiet magħmula fil-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 1371(1)

26 Digriet tal-14 ta' Ġunju 2017, Iliev (C-67/17, EU:C:2017:459, punt 24).

27 Digriet tal-14 ta' Ġunju 2017, Iliev (C-67/17, EU:C:2017:459, punti 25 sa 30).

28 Rogerson, P., f'Magnus, U., Mankowski, P., *Brussels Ibis Regulation*, Köln, Otto Schmidt 2016, p. 71.

tal-BGB ma jidhirx li għandu bħala għan fundamentali d-diviżjoni tal-elementi tal-patrimonju jew il-likwidazzjoni tar-reġim matrimonjali. Din id-dispożizzjoni sservi pjuttost sabiex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni tal-konjuġi superstiti fil-konfront tal-werrieta l-oħra. Fil-fatt, hija tiddetermina l-entità tas-sehem tas-suċċessjoni dovut lill-konjuġi superstiti.

94. L-assenza ta' rabta bejn is-sehem dovut lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB u r-relazzjonijiet li jirriżultaw direttament mir-rabta konjugali tirriżulta li hi wisq iżjed evidenti meta wieħed jinnota l-fatt li din id-dispożizzjoni tapplika indipendentement mill-eżistenza ta' bażi li tippermetti diviżjoni kwalunkwe ta' beni, fid-dawl tal-prinċipji li fuqhom huwa bbażat ir-reġim tal-komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti [29].

95. Barra minn hekk, konformement mal-osservazzjonijiet ifformulati fil-punt 53 iktar 'il fuq, il-futur *de cujus* jista' unilateralment jipprevjeni l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni billi jagħmel użu minn strumenti tad-dritt tas-suċċessjoni. Essenzjalment din hija n-natura tad-drittijiet ta' suċċessjoni. Fil-fatt, id-dritt tas-suċċessjoni għandha bħala element karatteristiku l-fatt li *de cujus* jingħata libertà ta' dispożizzjoni relattivament wiesa' sabiex jiddisponi mis-suċċessjoni tiegħu, filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar ir-relazzjonijiet li jirriżultaw direttament mir-reġimi matrimonjali jkollhom bħala prinċipju jittieħdu miż-żewġ konjuġi.

96. Konsegwentement inqis li l-għan fundamentali ta' regola bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB huwa turija favur ir-rikonoxximent tagħha bħala dispożizzjoni li taqa' taħt il-liġi tas-suċċessjoni u mhux taħt il-liġi tar-reġim matrimonjali.

c) Effettività tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni

97. Il-kunċetti użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni għall-finijiet tad-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 huma, hekk kif diġà fakkart fil-punt 32 iktar 'il fuq, ta' natura awtonoma. F'dan is-sens, l-interpretazzjoni ta' dawn il-kunċetti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tar-Regolament Nru 650/2012, li għandu (skont l-osservazzjonijiet iddikjarati fil-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet) jelimina l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni fil-kuntest tas-suq intern u jiggarantixxi d-drittijiet tal-werrieta fi ħdan l-Istati Membri b'mod effettiv [30]. Għal dan il-għan, ir-Regolament Nru 650/2012 jistabbilixxi, konformement mal-premessa 8, ċertifikat uniformi: iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun kapaċi jippermetti, hekk kif tikkonferma l-premessa 67 tal-imsemmi regolament, li jirregola b'mod rapidu, mingħajr xkiel u effettiv suċċessjoni li għandha effett transkonfinali fi ħdan l-Unjoni.

98. L-effetti taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni huma ddeterminati mill-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 650/2012. Dan iċ-ċertifikat iservi bħala attestazzjoni u jipproduċi l-effetti tiegħu fl-Istati Membri kollha, mingħajr ma jkun neċessarju li wieħed jirrikorri għal ebda proċedura (Artikolu 69(1) tar-Regolament Nru 650/2012). L-elementi "stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kwalunkwe liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi", iddikjarati fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, igawdu minn preżunzjoni ta' regolarità (Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012).

29 Bħala eżempju, nieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fejn il-patrimonju tad-*de cujus*, li fil-mument tal-ħolqien tar-reġim matrimonjali kellu valur ta' 100 000 unità monetarja, ma kienx suġġett għal akkrexximent matul l-eżistenza ta' dan ir-reġim. Maż-żmien, il-konjuġi superstiti jkun akkumula, matul l-eżistenza ta' dan ir-reġim, somma ta' 50 000 unità monetarja. F'sitwazzjoni bħal din, fil-każ ta' diviżjoni matematika, il-konjuġi superstiti ma jkollux dritt għall-valur residwu tal-assi. Fil-każ ta' divorzju, is-sitwazzjoni tkun differenti. Il-konjuġi superstiti jkollu l-obbligu jħallas lill-konjuġi tiegħu somma ta' 25 000 unità monetarja. Min-naħa tagħha, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB twassal għal sitwazzjoni li fiha l-konjuġi superstiti jkun dovut is-somma ta' 25 000 unità monetarja, li jikkorrispondi għal kwart tal-wirt tal-persuna ddeċeduta.

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat pożizzjoni fidili għal dan l-ispirtu, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru 2017, Kubicka (C-218/16, ECLI:EU:C:2017:755, punt 56), billi ddeċidiet li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012 (imsemmija fl-istess sentenza) jissodisfaw l-għan li jrid jilħaq l-imsemmi regolament, li skontu dan huwa intiż li jiffaċilita l-funzjonament it-tajjeb tas-suq intern billi jneħħi l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni li jridu jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn suċċessjoni transkonfinali.

99. It-tieni sentenza tal-premessa 71 tar-Regolament Nru 650/2012 jippreċiża li ċ-ċertifikat għandu qabel kollox saħħa probatorja u li jitqies li jiċċertifika fedelment l-eżistenza ta' elementi li ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni jew skont kull liġi oħra applikabbli għal elementi speċifiċi, bħall-validità fuq il-mertu tad-dispożizzjonijiet ta' proprjetà minħabba mewt. Madankollu, konformement mat-tielet sentenza tal-premessa 71, tar-Regolament Nru 650/2012, is-saħħa probatorja taċ-ċertifikat ma għandhiex testendi ruħha għall-elementi li ma humiex irregolati mill-imsemmi regolament, bħall-kwistjoni tal-affiljazzjoni jew il-kwistjoni tal-appartenenza ta' assi speċifika tal-persuna deċeduta.

100. Is-saħħa probatorja taċ-ċertifikat għaldaqstant jirrigwarda biss elementi li ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli, identifikata skont ir-regoli armonizzati ta' kunflitt ta' liġi ddikjarati di ħdan ir-Regolament Nru 650/2012 [31]. Konsegwentement dawn huma elementi li jaqgħu taħt il-qasam tal-liġi applikabbli, identifikata fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 650/2012 (regoli dwar suċċessjoni) u tal-Artikoli 24 sa 28 tal-imsemmi regolament, li jirrigwardaw: l-ammissibbiltà u l-validità sostantiva ta' dispożizzjoni ta' proprjetà minħabba mewt minbarra ftehim dwar suċċessjoni (Artikolu 24), l-ammissibbiltà, il-validità sostantiva u l-effetti restrittivi bejn il-partijiet ta' ftehim dwar suċċessjoni ta' persuna waħda biss (Artikolu 25), il-validità fir-rigward tal-forma tad-dispożizzjonijiet ta' properjetà minħabba mewt (Artikolu 27) u l-validità fir-rigward tal-forma tad-dikjarazzjoni dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja (Artikolu 28).

101. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluni nikkonkludi li l-effetti li jirriżultaw mill-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012 jiġu rrikonoxxuti biss lill-elementi stabbiliti skont ir-regoli dwar suċċessjoni (Artikolu 23) u skont il-liġi applikabbli għal persuni oħra, li ġiet iddefinita fuq il-bażi tar-regoli ta' kunflitt armonizzati tar-Regolament Nru 650/2012 (Artikoli 24 sa 28). Sussegwentement, dawn l-effetti ma jirrigwardawx l-elementi stabbiliti bl-għajnuna ta' regoli nazzjonali ta' kunflitt u ta' regoli ta' kunflitt tal-Unjoni, minbarra dawk tar-Regolament Nru 650/2012.

102. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni bħala kwistjoni ta' suċċessjoni tas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti skont l-Artikolu 1371(1) tal-BGB tippermetti li titniżżel l-informazzjoni dwar l-imsemmi sehem fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, bl-effetti kollha deskritti fl-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012. Barra minn hekk, li kieku wieħed kellu jqis din id-dispożizzjoni bħala kwistjoni li taqa' taħt il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, l-informazzjoni dwar is-sehem attribwit lill-konjuġi superstiti ma tkunx tibbenefika mill-preżunzjoni ta' regolarità.

103. Għaldaqstant dan huwa argument addizzjonali favur klassifikazzjoni bħala kwistjoni ta' suċċessjoni tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB. Huwa b'dan il-mod li tista' tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 650/2012 li jistabbilixxi ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

d) Konklużjonijiet dwar l-ewwel domanda preliminari

104. Fid-dawl tal-indikazzjonijiet esposti preċedentement, inqis li l-Artikolu 1371(1) tal-BGB ma għandux jitqies bħala dispożizzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mar-reġimi matrimonjali u li, f'dan is-sens, dan l-artikolu ma għandux jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012, fuq il-bażi tal-Artikolu 1(2)(d) ta' dan ir-regolament.

31 Wautelet, P., "*Article 69 – Effets du certificat*", f' Bonomi, A., Wautelet, P., (ed.), *Le droit européen des succession, Commentaire du règlement (UE) nº 650/2012, du 4 juillet 2012*, Brussell, Bruylant 2016, p. 880. Fir-rigward tal-abbozz għar-Regolament Nru 650/2012, ara wkoll: Basedow, J., Dutta, A., Bauer, C., *et al.*, Max Planck Institute for Comparative and International Private Law, Comments on the European Commission's Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on jurisdiction, applicable law, recognition and enforcement of decisions and authentic instruments in matters of succession and the creation of a European Certificate of Succession, *Rabels Zeitschrift für ausländisches und internationales Privatrecht*, vol. 74, 2010, nb. 323.

105. L-ewwel nett, din id-dispożizzjoni ma tiddeterminax dak li jidħol (jew ma jidħolx) fil-kompożizzjoni tal-patrimonju tal-konjuġi ddeċedut. L-imsemmija dispożizzjoni tirrigwarda d-drittijiet tal-konjuġi superstiti meta mqabbel ma' dak li tikkostitwixxi, b'mod inkontestabbli, komponenti tal-patrimonju ereditarju. B'hekk, dispożizzjoni bħal tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB tirrigwarda kwistjoni marbuta mas-"suċċessjoni għall-patrimonju ta' konjuġi deċedut" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(d) tar-Regolament 2016/1103, li għandha tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u li hija suġġetta għar-regoli ta' kunflitt stabbiliti mir-Regolament Nru 650/2012.

106. It-tieni nett, din id-dispożizzjoni tapplika esklużivament fil-każ ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi u dan, indipendentement mill-eżistenza ta' bażijiet li jippermettu kwalunkwe qsim ta' proprjetà, fid-dawl tal-prinċipji li fuqhom huwa bbażat fuq il-komunità limitata għall-valur residwu tal-akkwisti.

107. It-tielet nett, il-klassifikazzjoni bħala kwistjoni ta' suċċessjoni ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB hija ġġustifikata bir-rieda li tiġi żgurata l-effettività tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Il-klassifikazzjoni bħala kwistjoni ta' suċċessjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-fatt tippermetti li tiġi inkluża fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni informazzjoni relatata mas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti, b'hekk l-effetti li jirriżultaw mill-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012 fl-Istati Membri kollha.

108. Fid-dawl tal-argumenti magħmula iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi bil-mod li ġej għall-ewwel domanda preliminari: l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 650/2012, moqri flimkien mal-Artikolu1(2)(d), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni testendi għal regola li, bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB, tiddetermina s-sehem tal-konjuġi superstiti fis-suċċessjoni, anki jekk l-applikazzjoni tagħha tiddependi mill-eżistenza ta' reġim matrimonjali speċifiku u li s-sehem tal-konjuġi fis-suċċessjoni tissostitwixxi l-likwidazzjoni ta' dan ir-reġim, sa fejn, fl-istess waqt, id-daqs ta' dan is-sehem jiġi ddeterminat skont regoli totalment differenti minn dawk li jiddefinixxu l-metodu ta' likwidazzjoni ta' dan ir-reġim matrimonjali meta l-konjuġi jkunu għadhom ħajjin.

C. Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari

109. Permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, magħmula fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi jekk is-sehem mill-wirt dovut lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB jistax jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, minkejja l-fatt li din id-dispożizzjoni ma tirrigwardax kwistjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012. Fid-dawl tar-risposta proposta minni fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, ma huwiex meħtieġ li tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domandi.

110. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkondividix l-opinjoni tiegħi fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, huwa neċessarju li t-tieni u t-tielet domandi jiġu eżaminati. Għaldaqstant, ser nipproponi wkoll risposta għal dawn id-domandi.

111. Fil-kuntest tat-tieni u t-tielet domandi, il-qorti tar-rinviju tagħmel distinzjoni bejn diversi ipoteżi, billi teżamina l-kwistjoni dwar jekk is-sehem dovut lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB jistax jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, minkejja li din ma hijiex kwistjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012. Dawn l-ipoteżi jirrigwardaw dubji dwar ir-relazzjoni bejn il-kontenut taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi regolament. F'dan is-sens inqis li t-tieni u t-tielet domandi għandhom jiġu eżaminati flimkien.

1. Fuq ir-relazzjoni bejn il-kontenut taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012

112. Kif diġà fakkart preċedentement, il-kunsiderazzjonijiet diskussi hawnhekk huma ta' natura ipotetika. Huma jibbażaw lilhom infushom fuq l-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkondividix ir-risposta proposta minni fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari u jkunu jqisu li l-Artikolu 1371 tal-BGB ma tikkostitwixxix dispożizzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012. Anki f'din l-ipoteżi, inqis li s-sehem tal-wirt dovut lill-konjuġi superstiti taħt din id-dispożizzjoni jista' jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

113. L-ewwel nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jidhirx li jassumi li hija biss l-informazzjoni dwar l-elementi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012 li tista' tiġi indikata fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Din l-affermazzjoni hija kkonfermata bil-formulazzjoni tal-Artikolu 68(h) tar-Regolament Nru 650/2012. Fost l-informazzjoni li jinkludi ċ-ċertifikat, "sa fejn meħtieġ għall-fini li għalih jinħareġ", din id-dispożizzjoni telenka "informazzjoni dwar kuntratt taż-żwieġ li jkun daħal għalih id-deċedut". Ma hemm l-ebda dubju li din il-kwistjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012.

114. It-tieni nett, f'ċerti każijiet, l-ommissjoni ta' informazzjoni dwar kwistjoni importanti għas-suċċessjoni, iżda li ma hijiex (fl-essenza tagħha) ta' natura marbuta ma' kwistjoni ta' suċċessjoni, tkun tali li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jkun partikolarment mhux daqstant prattiku. Fil-fatt, tali ċertifikat ma jkunx jirrifletti s-sehem reali tal-konjuġi superstiti fis-suċċessjoni. Sitwazzjoni ta' dan it-tip tqiegħed inkwistjoni l-effettività tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

115. It-tielet nett, f'sitwazzjoni bħal din, iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma huwiex f'pożizzjoni li jikkompeti fil-konfront ta' dokumenti ta' dritt intern (nazzjonali), użati għal finijiet simili fi ħdan l-Istati Membri, li jkunu jirriflettu b'mod sħiħ is-sehem tal-konjuġi superstiti fis-suċċessjoni. Iċ-ċertifikati nazzjonali maħruġa skont dispożizzjonijiet applikabbli fi Stat Membru għadhom jintużaw.

116. Fid-dawl tal-argumenti esposti iktar 'il fuq, inqis li s-sehem fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni tal-konjuġi superstiti skont l-Artikolu 1371 tal-BGB jista' jiġi indikat fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

2. Fuq l-effetti tal-indikazzjoni, fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ta' informazzjoni li ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 650/2012

117. Il-possibbiltà li tiġi indikata informazzjoni speċifika fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma tfissirx waħedha li l-imsemmija informazzjoni tgawdi mill-karatteristiċi kollha rrikonoxxuti lill-informazzjoni indikata skont il-liġi applikabbli, stabbilita fuq il-bażi tar-regoli ta' kunflitt tar-Regolament Nru 650/2012.

118. Fil-fatt, diġà indikajt fil-punt 101 ta' dawn il-konklużjonijiet li s-saħħa probatorja taċ-Ċertifikat hija bbażata biss fuq l-elementi li ġew stabbiliti skont il-liġi applikabbli, iddeterminata skont ir-regoli ta' kunflitt armonizzati li jinsabu fir-Regolament Nru 650/2012.

119. Bħala tali, ir-Regolament Nru 650/2012 madankollu ma jipprekludix l-inklużjoni, fiċ-Ċertifikat, ta' elementi li ma jibbenefikawx mill-effetti msemmija fl-Artikolu 69 tal-imsemmi regolament. Dan il-punt huwa kkonfermat, fil-fehma tiegħi, mill-premessa 71 tar-Regolament Nru 650/2012 (imsemmija iktar 'il fuq), li tgħid li "[l]-effett evidenzjarju taċ-Ċertifikat ma għandux jestendi għal elementi li mhumiex irregolati minn dan ir-Regolament".

120. Inqis f'dan is-sens li ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jista' jinkludi: informazzjoni stabbilita minħabba r-regoli dwar suċċessjoni (Artikolu 23), informazzjoni stabbilita skont il-liġi applikabbli għal kwistjonijiet oħra, li ġiet iddefinita fuq il-bażi tar-regoli ta' kunflitt armonizzati tar-Regolament Nru 650/2012 (Artikoli 24 sa 28), kif ukoll informazzjoni stabbilita skont il-liġi applikabbli, iddeterminata bil-għajnuna ta' regoli nazzjonali ta' kunflitt (jew ta' regoli ta' kunflitt inklużi fi strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni). Huwa f'din l-aħħar kategorija li jeħtieġ li tiġi inkluża l-informazzjoni relatata mas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti bis-saħħa tal-Artikolu 1371(1) tal-BGB (jekk jitqies li din ma taqax taħt ir-regoli dwar suċċessjoni). Madankollu dawn l-elementi ma għandhomx jibbenefikaw mill-effetti li jirriżultaw mill-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012.

3. Natura tal-informazzjoni dwar is-sehem dovut lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni

121. Tirriżulta għal darb'oħra l-kwistjoni tal-effetti marbuta mal-indikazzjoni, fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ta' informazzjoni fir-rigward tas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti skont l-Artikolu 1371(1) tal-BGB. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u waqt is-seduta, il-Kummissjoni enfasizzat li, minkejja l-assenza ta' bażi espliċita li tippermetti li jiġu rrikonoxxuti fil-konfront tal-informazzjoni relatata mas-sehem ikkonċernat l-effetti ddikjarati fl-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 650/2012, xorta waħda jeħtieġ li tiġi ammessa tali soluzzjoni u li b'xi mod jiġu estiżi l-effetti li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni għall-informazzjoni relatata mas-sehem dovut lill-konjuġi superstiti konformement mal-Artikolu 1371(1) tal-BGB.

122. Fid-duttrina, jitqies li s-sehem attribwit lill-konjuġi superstiti taħt l-Artikolu 1371(1) tal-BGB – sa fejn dan jitqies li huwa element li jaqa' taħt ir-regoli tar-reġim matrimonjali – jista' jitniżżel fit-test taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, għall-finijiet ta' informazzjoni, fil-kuntest tal-"informazzjoni rigward is-sistema ta' proprjetà matrimonjali" imsemmija fl-Artikolu 68(h) tar-Regolament Nru 650/2012, b'nota relatata mal-bażi li fuqha ġie stabbilit dan l-element [32]. Perspettiva oħra, issuġġerita wkoll mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, tistrieħ fuq il-konvinzjoni li l-inkrementazzjoni patrimonjali li tirriżulta mill-Artikolu 1371(1) tal-BGB għandha tiġi indikata bħala informazzjoni dwar is-"sehem ta' kull eredi", fis-sens tal-Artikolu 68(l) [33].

123. Fil-fehma tiegħi, indipendentement mill-kwistjoni dwar liema minn dawn id-dispożizzjonijiet għandha tapplika għall-indikazzjoni ta' informazzjoni fir-rigward tal-inkrementazzjoni fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, din l-indikazzjoni għandha tinkludi riżerva espliċita fir-rigward tal-fatt li din l-inkrementazzjoni ġiet stabbilita skont il-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali. Fil-fatt, din ma għandhiex tkun il-liġi li nstabet li kienet applikabbli skont ir-regoli ta' kunflitt fis-seħħ fl-Istat Membru tal-awtorità li quddiemha l-persuna kkonċernata tinvoka ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, maħruġ fi Stat Membru ieħor. Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-assenza ta' regoli ta' kunflitt ta' liġi armonizzati u komuni għall-Istati Membri kollha, li jidentifikaw il-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali.

124. L-inklużjoni, fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ta' riżerva li tispeċifika li s-sehem dovut lill-konjuġi superstiti konformement mal-Artikolu 1371(1) tal-BGB jaqa' taħt il-portata tal-liġi applikabbli għar-reġimi matrimonjali għandha tillimita fl-istess waqt il-possibbiltà li tiġi invokata l-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 69(3) u (4) tar-Regolament Nru 650/2012.

32 Ivanc, T., Kralijć, S., "European Certificate of Succession – Was there a need for a European intervention?", *Anali Pravnog Fakulteta Univerziteta u Zenici*, vol. 18, 2016, p. 266.

33 Stamatiadis, D., f'Pamboukis, H., *EU Succession Regulation No 650/2012: A Commentary*, C.H. Beck, Hart Publishing, Oxford, 2017, p. 633.

125. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta li ġejja għat-tieni u t-tielet domandi: L-Artikolu 68(l) u l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-sehem tal-konjuġi superstiti, meta jirriżulta parzjalment minn inkrementazzjoni tas-sehem legali tiegħu applikata konformement ma' regola ta' natura patrimonjali bħall-Artikolu 1371(1) tal-BGB, jista' jiġi indikat integralment fiċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni iżda biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

VI. Konklużjonijiet

126. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta segwenti għad-domandi preliminari magħmula mill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja):

"L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 1(2)(d) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-portata tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni testendi għal regola li, bħall-Artikolu 1371(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (Kodiċi Ċivili), tiddetermina s-sehem tal-konjuġi superstiti fis-suċċessjoni, anki jekk l-applikazzjoni tagħha tiddependi mill-eżistenza ta' reġim matrimonjali speċifiku u li s-sehem tal-konjuġi fis-suċċessjoni tissostitwixxi l-likwidazzjoni ta' dan ir-reġim, sa fejn, fl-istess waqt, id-daqs ta' dan is-sehem jiġi ddeterminat skont regoli totalment differenti minn dawk li jiddefinixxu l-metodu ta' likwidazzjoni ta' dan ir-reġim matrimonjali meta l-konjuġi jkunu għadhom ħajjin."